

32003R0492

19.3.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 73/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 492/2003

tat-18 ta' Marzu 2003

**li jissupplementa l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-
"Reġistru ta' l-ismijiet ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiki protetti" li hemm provvediment
dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-identifikazzjoni
ġeografika u l-ismijiet ta' l-oriġini għal ċerti prodotti agrikoli u oġġetti ta' l-ikel (Soprèssa Vicentina,
Asparago verde di Altedo, Pèra Rocha do Oeste)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki u l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2796/2000⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi:

- (1) Bi qbil ma l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, l-Italja kienet bgħatet lil-Kummissjoni applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' l-isem "Soprèssa Vicentina" bħala designazzjoni ta' l-oriġini u applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem "Asparago verde di Altedo" bħala indikazzjoni ġeografika u l-Portugall kien bgħat lil-Kummissjoni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' l-isem "Pèra Rocha do Oeste" bħala designazzjoni ta' l-oriġini.
- (2) Bi qbil ma' l-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament, l-applikazzjonijiet ġew misjuba li jilħqu l-ħtiġiet kollha stabbiliti hemmhekk, u partikolarment li fihom l-informazzjoni kollha meħtieġa b'konformità ma' l-Artikolu 4 tiegħu.
- (3) L-ebda stqarrija ta' oġġezzjoni permezz ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 ma kienet waslet għand il-Kummissjoni fir-rigward ta' l-ismijiet mogħtija

fl-Anness t'hawnhekk bħala segwiment tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ⁽³⁾.

- (4) L-ismijiet għandhom għalhekk ikunu mdaħħla fir-*"Reġistru ta' designazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki protetti"* u għalhekk għandhom ikunu protetti matul il-Komunità kollha bħala designazzjonijiet ta' l-oriġini protetta jew indikazzjoni ġeografika protetta.
- (5) L-Anness ta' dan ir-Regolament jissupplementa l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2066/2002⁽⁵⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness miġjub hawn huma miżjuda ma' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħla bħala designazzjonijiet protetti ta' l-oriġini (PDO) jew bħala indikazzjonijiet ġeografiki protetti (PGI) fir-*"Reġistru ta' designazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiki protetti"* kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 208, 24.07.92, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 324, tal-21.12.2000, p. 26.

⁽³⁾ ĠU C 114, tal-15.5.2002, p. 16 (Soprèssa Vicentina);
ĠU C 114, tal-15.5.2002, p. 6 (Asparago verde di Altedo);
ĠU C 102, tas-27.4.2002, p. 16 (Pèra Rocha do Oeste).

⁽⁴⁾ ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11.

⁽⁵⁾ ĠU L 318, tat-22.11.2002, p. 4.

L-ANNESS

PRODOTTI ELENKATI FL-ANNESS I TAT-TRATTAT KE, INTIŻI GĦALL-KONSUM UMAN**Prodotti bażati fuq il-laħam**

L-ITALJA

Soprèssa Vicentina (PDO)

Frott, Ħxejjex

L-ITALJA

Asparago verde di Altedo (PGI)

IL-PORTUGALL/PORTUGAL

Pêra Rocha do Oeste (PDO)
